TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NUMRU 2262

Chairperson: Charmaine Cristiano Grech

Membri: Agnes Agius

David Magro

Kaz Numru: 2481/CCG

Fit-Tilwima tax-Xoghol

Bejn

General Workers' Union

U

Malta Tourism Authority

Dwar: trasferiment tal-impjegat Henry Galea mill-istess Awtorita' ghal ma' entita' ohra

Illum is-16 ta' Jannar 2014

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, diversament kompost, mill-Ministru ghall-Politika Socjali Dr. Louis Galea permezz ta' ittra datata 12 t'April 2007, wara ittra mibghuta mill-General Workers' Union (aktar tard imsejha GWU) datata 27 ta' Frar 2007 riferribli ghal tilwima industrijali bejnha u l-Malta Tourism Authority (aktar tard imsejha MTA) dwar trasferiment tal-impjegat Henry Galea mill-MTA ghal ma' entita' ohra. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-kaz jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**PRELIMINARI**

Permezz tal-imsemmija ittra datata 27 ta' Frar 2007 l-Avukat Aron Mifsud Bonnici f'isem il-GWU irrefera tilwima tax-xoghol bejn il-GWU u l-MTA lill-Ministru Galea bis-segwenti *terms of reference:*

*"1 . Illi meta l-Malta Tourism Authority qed iggieghel lill-impjegat taghha Henry Galea jirrapporta ghax-xoghol ma' entita' ohra hija qeghda tonqos milli taddotta kriterji oggettivi gustifikabbli u validi fil-ligi u b'hekk qed tirreka pregudizzju kbir u kontinwu lill-istess Henry Galea;*

*2. Illi l-Malta Tourism Authority ghandha taccetta lura lill-impjegat taghha Henry Galea;*

*3. Illi l-Malta Tourism Authority ghandha tikkompensa lill-impjegat taghha Henry Galea f'dak l-ammont li jkun likwidat minn dan it-Tribunal rapprezentanti telf ta' qliegh li huwa sofra kawza tal-agir ta' l-Awtorita'"*

Il-GWU ipprezentat Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha fejn spjegat li Henry Galea kien impjegat mal-MTA fil-5 ta' Mejju 1997 permezz ta' kuntratt indefinit bhala office assistant/driver. Parti mix-xoghol li kien jaghmel Galea kien ukoll jikkonsisti tqandil u garr ta' materjal tqil. Minn fost l-erbgha jew hames impjegati li kellha kien Galea biss li kien jaccetta li jaghmel dan ix-xoghol ta' strapazz. Fl-2003 l-MTA impjegat lil Jeffrey Callus sabiex jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel Galea u cjoe' ta' office assistant/driver. Fost l-inkarigi li kellu Callus kien hemm ukoll li jkun ix-xufier tac-Chairman. Meta l-MTA bdiet tikkontempla r-ristrutturar jidher li diga kellha f'mohhha li tehles minn Galea ghaliex kienet diga' bdiet tinkariga lil Anthony sive Tony Vassallo biex jaghmel xoghol li ghal disa' snin kien jaghmel Galea biss. Fid-19 ta' Dicembru 2005 Henry Galea intalab jirrapporta ghax-xoghol mal-ETC u kagun ta' dan sofra tnaqqis fil-kundizzjonijiet tax-xoghol fosthom hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) fix-xahar bhala driving allowance, tlett liri Maltin (LM3) kuljum bhala allowance ghal xoghol ta' strapazz, polza ta' assikurazzjoni bi premium ta' mija u ghoxrin lira Maltin (LM120) fis-sena, mobile phone allowance ta' ghaxar liri Maltin (LM10) fix-xahar, possibilita' ta' overtime u flexi time. Meta Galea u r-rikorrenti ghan-nom tieghu lmentaw mal-MTA, l-Executive Chairman stqarr li "l-kriterju li bih imxiet l-Awtorita' huwa dak ta' last in first out". Ir-rikorrenti nsistew li l-MTA ma mxietx ma' dan il-principju stante illi Jeffrey Callus (fost ohrajn) kien dahal wara Galea. Meta l-MTA giet rinfaccjata b'dan ippruvat tiggustifika l-agir taghha billi ddikjarat li Jeffrey Callus kien person of trust ai termini ta' Kap. 452 u ghaldaqstant kellu jigi ppreferut minkejja li dahal fl-impjieg wara Galea. Ir-rikorrenti ddikjaraw li din il-gustifikazzjoni mhijiex fondata u hija bla ebda bazi. Callus dahal jahdem sitt snin wara Galea u kien jaghmel proprju l-istess xoghol li kien jaghmel Galea, fosthom li jkun ix-xufier tac-Chairman. Tant hu hekk li meta Callus kien ikun indispost jew bil-leave kien ikun Galea li jkun inkarigat li jsuq lic-Chairman. It-Tribunal intalab sabiex tigi deciza t-tilwima skont il-ligi u bit-terms of reference imsemmmija.

L-MTA ipprezentat Dikjarazzjoni tal-Kaz fejn spjegat li f'April tal-2005 hija nediet programm ta' ristrutturar sabiex l-istess Awtorita' ssir aktar effettiva, efficjenti u ekonomika fl-operat taghha. Wahda mill-mizuri li ttiehdu kienet ezercizzju ta' Human Resource Audit fejn il-kompetenza ta' kull impjegat giet evalwata u gie deciz kif kull impjegat jista' jidhol fl-organizzazzjoni l-gdida. L-MTA sahqet li skont kif irrizulta minn dan l-ezercizzju tnax-il impjegat stazzjonati Malta ma setghux jidhlu fl-organizzazzjoni l-gdida u ghaldaqstant saru

superfluwi ghall-bzonnijiet taghha. Wiehed minn dawn l-impjegati kien Henry Galea li kien impjegat mal-MTA bhala xufier. Dawn it-tnax-il haddiem kellhom jigu trasferiti ghal mal-Industrial Projects Services Limited (IPSL) bis-salarju baziku li kellhom mal-MTA sabiex jigu *detailed* jahdmu ma' entita' ohra jew Dipartiment tal-Gvern. L-MTA spjegat ukoll li ghal dawn il-haddiema kien hemm ukoll skema finanzjarja fejn setghu jaghzlu li jirrizenjaw volontarjament mill-MTA b'incentiv finanzjarju. Fl-4 ta' Novembru 2005 gie ffirmat ftehim bejn l-MTA u l-Union Haddiema Maghqudin (UHM) li hija l-Union li kellha maggoranza fi hdan l-MTA, sabiex jirregola din is-sitwazzjoni. Henry Galea ghazel li ma jippartecipax fl-iskema finanzjarja u permezz t'ittra datata 15 ta' Dicembru 2005 mahruga mill-Ufficcju tal-Prim Ministru huwa gie moghti struzzjonijiet sabiex jirrapporta ghax-xoghol mal-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig (ETC) mid-19 ta' Dicembru 2005. L-MTA iddikjarat li dan kollu sar skont il-ftehim tal-4 ta' Novembru 2005 u skont il-policy tal-Gvern.

**PROVI**

Il-GWU fethet il-provi billi tellghet lil Henry Galea jixhed fejn xehed fuq il-fatti kif graw fil-konfront tieghu. Xehed li sar jaf li mhux ser jirrapporta aktar ix-xoghol l-MTA imma ghandu jibda jirrapporta l-ETC permezz ta' ittra li giet mibghuta lilu d-dar ma' xi hadd mill-HR li giet mad-driver taghha. Galea xehed li l-grad tieghu kien ta' office assistant messenger/driver u li qabel ma qalulu biex jirrapporta x-xoghol l-ETC ghalkemm kien jaf li kien ghaddej xi ristrutturar hadd ma kien ikkonsultah jew qallu li ser ikun wiehed minn dawk li ser jigu affetwati. Galea xehed li kien hemm xi nies ohra li kienu jaghmlu xoghol bhalu, fosthom Jeffey Callus, Pierre Callus u Vince li ma ftakarx kunjomu. Galea xehed li lmenta mal-GWU dwar il-fatt li kien hu li kellu jmur l-ETC stante li hu ma kienx l-ahhar wiehed li dahal. Galea stqarr li c-Chairman kienet kitbet ittra datata 15 ta' Dicembru 2005 fejn iggustifikat li kienu mxew bil-principju tal-last in first out. Galea xehed li hu ma kienx l-ahhar wiehed li dahal ghax l-ahhar li dahal kien Jeffrey Callus. Galea xehed li mhux talli Callus ma kienx jaghmel xi haga partikolari li ma kienx jaghmel hu imma talli bil-kontra u cjoe li Galea kien jaghmel xoghol li Callus ma kienx jaghmel, li dan kien garr ta' equipment, kaxxi, purchasing u xoghol li ghandu x'jaqsam mal-istores. Galea spjega kif kien jinghata allowance talli jaghmel dan it-tip ta' xoghol. Galea xehed li bic-caqliq tieghu lejn l-ETC gie affetwat hazin hafna anke finanzjarjament hekk kif gie spjegat fid-dikjarazzjoni tal-kaz.

Karmenu Vella, eks Segretarju tal-GWU tat-Taqsima Servizzi u Media xehed li kien jirraprezenta numru ta' haddiema fl-MTA fosthom lil Henry Galea. Spjega kif fl-2005 kien hemm diskussjonijiet mac-Chairman ta' dak iz-zmien, is-Sur Lungaro Mifsud, dwar ir-ristrutturar li kien qed isir fl-MTA. Meta Vella kien saqsa lic-Chairman fuq liema bazi kien ser jiccaqlaq Galea dan kemm verbalment kif ukoll bil-miktub qallu li r-ristrutturar kien qed imexxieh fuq il-bazi ta' last in first out. Vella kien argumenta li l-ebda ristrutturar ma jsir hekk u l-principju tal-last in first out kien jintuza fir-redundancies. Vella imbaghad kien indika li kien

hemm persuna ohra li dahlet wara fil-grad ta' Galea pero c-Chairman insista li dak kien ser izommu fuq position of trust. A bazi ta' dan Vella kien kiteb lic-Chairman li dan mhux accettabli. Din l-ittra giet esebita. Vella spjega kif l-GWU ma kelliex recognition pero' kienet qed tigi nfurmata dwar il-haddiema membri taghha kemm mill-management kif ukoll f'laqghat informali mal-UHM, li kellhom recognition. Vella qal li Galea ma kienx wiehed mill-impjegati li ghazel li jmur l-IPSL u ma kellu l-ebda ghazla fid-decizjoni.

Henry Galea fix-xhieda tieghu qal li qed jaghmel l-istess xoghol mal-ETC pero naqsulu l-beneficcji. Xehed li floku kellu jispicca Jeffrey Callus u li, apparti Callus, warajh kienu dahlu Joe Bonnici u Charles Abdilla u dawn kollha kienu ghadhom hemm.

Xehed Carmel D'Amato li kien director of finance mal-MTA u kien fl-istess pozizzjoni ta' Galea u cjoe kienu nehhewh. D'Amato kkonferma li kien hemm min dahal bhala messenger/driver wara Galea u wiehed minn dawn kien Jeffrey Callus.

Ix-xhieda rapprezentanti tal-ETC ipprezentat l-employment history ta' Carmel Abdilla, Joseph Bonnci u Jeffrey Callus.

Jacqueline St. John li kienet tiehu hsieb l-HR xehdet li f'Lulju 2008 harget internal call for application ghal messenger/driver. Din il-vakanza ma ntlietx pero ma nhargitx barra u kienet wieqfa.

Xehed Joe Tanti, Head of Industry Human Resource Development Unit tal-MTA li fl-2005 kien inhatar bhala change facilitator biex jghin fil-process ta' ristrutturar. Dan il-process sar wara li rapport fl-2004 mid-Deloitte and Touche fassal pjan ta' ristrutturar sabiex l-MTA issir aktar efficjenti u effettiva. Tanti xehed li filwaqt li f'certu setturi kien hemm persuni specjalizzati u li x-xoghol kien isir minn persuna wahda biss, kien biss fis-settur tad-drivers li kien hemm pool ta' nies. Skont l-istruttura precedenti kien hemm hamsa min-nies u l-istruttura l-gdida identifikat tlieta min-nies u ghaldaqstant kellhom jonqsu zewg persuni.  Wiehed minn dawn kien diga seconded l-ITS allura saru arrangamenti sabiex jibqa' hemm. Jeffrey Callus gie identifikat bhala d-driver tac-chairman mic-chairman stess bhala position of trust. Callus spicca minn hemm ghax telaq hu u ghaldaqstant ma kienx involut fir-restructuring. Kien ghalhekk baqa' tlieta u minn dawn ried jibqa' tnejn u l-MTA applikat il-process tal-last in first out. Tanti xehed li f'dan il-process kienu involuti l-unions u l-haddiema milquta ghajtulhom u kellmuhom. Tanti xehed li l-union qablet mal-argument tal-position of trust. Tanti in kontro ezami xehed li c-chairman bhal ohrajn qablu ghazel xufier mill-pool ta' xufiera sabiex ikun ix-xufier ta' fiducja tieghu u li Callus kien il-persuna li dejjem kien maghzul bhala x-xufier tac-chairman, anke ta' dawk precedenti.

Anthony Portelli xehed li kien irtirat mill-MTA u li qabel l-irtirar kien senior manager responsabbli mill-HR u administration. Hu spjega kif fir-ristrutturar gie involut wara li harget il-lista ta' haddiema li kellhom jigu redeployed mal-IPSL. Joe Bonnici u Carmelo Abdilla ma kinux relatati mal-kategorija ta' drivers. Bonnici kien senior clerk u kien responsabbli mil-logistika u jaghti xoghol lix-xufiera, fost affarijiet ohra. Abdilla kien clerk u kien l-assistent ta' Bonnici. Portelli spjega li Jeffrey Callus gie impjegat bhala xufier tac-chairman u position of trust inizjalment fuq kuntratt definit ta' sentejn. Madwar l-2002/2003 kienet harget vacancy u tawh pozizzjoni regolari. Portelli spjega li d-differenza bejn ix-xoghol li kien jaghmel Callus u x-xufiera l-ohra kien fil-fatt li Callus kien ix-xufier tac-chairman u l-ohrajn kienu drivers u messaggiera. Tony Vassallo kien ikun is-sostitut ta' Callus meta dan ma kienx ikun xoghol. Portelli qal li Henry Galea kien oggezzjona li jmur l-IPSL u sahansitra mar ghand l-Ombudsman li ma tahx ragun. Portelli in kontro ezami xehed li fl-2001 Callus kien diga jahdem taht il-kappa tal-Ministeru tat-Turizmu u kien seconded mal-MTA bhala driver tac-chairman. Imbaghad biex jifformalizzaw l-affarijiet saret il-kwistjoni tal-ingagg tieghu formali. Portelli xehed li l-lista ta' hdax-il ruh li kienu ser jigu affetwati mir-ristrutturar kienet moghtija lilu minn fuq. L-MTA baghtet ghall-union biex tiddiskuti lil dawn il-persuni u ma kellmitx lill-individwi in kwistjoni. Portelli xehed li l-haddiema li gew redeployed mxew biss bis-salarju baziku. Portelli spjega kif ix-xoghol tax-xufiera kien naqas ghax filwaqt li qabel kienu jiehdu l-minuti tal-bord lill-membri tal-bord din eventwalment bdiet issir bil-posta elettronika.

Charles Stafrace, xhud prodott mill-MTA xehed li issa hu kien irtirat. Qabel irtira kien direttur resourcing fl-Ufficcju tal-Prim Ministru. Fix-xhieda tieghu Stafrace spjega il-politika ta' ristrutturar u redeployment u esebixxa cirkulari li tirregola redeployment. Stafrace xehed li meta jimxi impjegat ghandu jgorr mieghu l-basic pay u jekk kellu allowances, jistghu ituh perks l-entita` l-gdida jew ma jtuh xejn. Xehed li kien isir li jigi salvat l-impjieg. Stafrace spjega li apparti il-policy Article 15 tal-ETC Act jirregola redeployment. Stafrace xehed li fil-kaz ta' Henry Galea, Galea ma giex ikkonsultat fuq il-fatt li ser jinbidillu l-principal u l-pakkett finanzjarju. Wara li jsir ir-redeployment Stafrace kien jaghmel follow up mal-entita` fejn ikun gie assenjat il-persuna.

Jesmond Bonello, il-president tal-UHM xehed li fiz-zmien tal-kaz kien segretarju tat-taqsima entitatjiet pubblici. Bonello xehed li fuq il-kaz tas-Sur Galea ma kienx jaf direttament pero` kien jaf fuq il-process ta' ristrutturar li kien sar fl-MTA. Xehed li bhala UHM hadmu biex ma jkunx hemm sitwazzjoni ta' redundancy u biex hadd ma jitlef ix-xoghol. F'dan il-process kien hemm min inghata somma fuq talba tieghu u kien hemm min kien jidher bhala zejjed fl-ammonti fil-karigi partikolari u allura kellu l-opportunita` li jmur xi korporazzjoni jew xi entita` tal-gvern. Bonello spjega kif is-sistema li kienet intuzat f'dan il-kaz kienet l-istess sistema li nhadmet fil-PBS, fix-shipbuilding u drydocks fejn kien hemm numru ta' haddiema li minn entita` pubblika marru l-IPSL u mill-IPSL marru post iehor. Bonello xehed li Galea kien offrut zewg options, jew

li jiehu early retirement scheme jew li jsib xoghol alternattiv. F'dan il-kaz ma ssemmewx nies partikolari pero` kienu tkellmu b'mod kollettiv. Bonello xehed li kienu nnegozjaw fuq il-kundizzjonijiet bazici mhux allowances.

## SINTESI TAT-TRATTAZZJONI

Fit-trattazzjoni finali l-Avukat Mifsud Bonnici esebixxa sentenza rigwardanti kaz simili ta' trasferiment ta' impjegat li inghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Carmel D'Amato u martu Rita D'Amato ghal kull interess li jista' jkollha kontra l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta[1] fejn il-Prim Awla ddecidiet illi t-trasferiment ta' D'Amato kien sar b'mod abbusiv, illegali u ma sarx ghal raguni gusta u sufficjenti.

Dr. Frank Testa ghall-MTA ghamel ukoll referenza ghall-kaz imsemmi mill-Avukat Mifsud Bonnici u spjega li appella fuq punt ta' ligi u mhux fuq punt ta' mertu. Qal li ma jifhimx kif ir-rikorrenti sofra pregudizzju u danni meta fir-rejalta` l-MTA giet penalizzata talli persuna li kienet redundant ippruvaw isibulha post. Dr. Testa qal li jigi garantit hija l-paga u mhux il-perks ghax dawk ikunu marbutin skont fejn tahdem.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkunsidra li l-argumenti migjuba mill-MTA ma kinux kredibbli stante illi r-raguni ghalfejn gie tterminat Galea inbidlet l-ewwel billi kienet intuzat il-kriterja tal-*last in first out* imbaghad ghall-fatt li l-persuna l-ohra kienet persuna ta' fiducja tac-chairman, u Galea ma kellux din il-pozizzjoni. Il-fatt li Galea qatt ma gie kkonsultat u lanqas biss ma gie infurmat verbalment minn xi hadd mis-superjuri tieghu ma huwiex skont il-principju ta' amministrazzjoni tajba, specjalment tenut kont tal-fatt illi tali decizjoni taffetttwa l-futur lavorattiv ta' persuna kif ukoll id-drittijiet tal-persuna.

## DECIZJONI

In vista tas-suespost it-Tribunal jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-MTA ma mxietx ma' kriterji oggettivi gustifikabbli u validi fil-ligi meta ordnat lil Galea jirrapporta ghax-xoghol ma' entita` ohra.

---

[1] Decizjoni moghtija nhar id-29 ta' Novembru 2011

**KUMPENS**

Wara li ra l-provvedimenti tal-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 it-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti ghall-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) liema ammont ghandu jithallas fi zmien xahar mil-lum.

**DRITTIJIET**

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-kaz ghal €93.17 kull wiehed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviz Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

| | | |
|---|---|---|
| **(iffirmat)** | **(iffirmat)** | **(iffirmat)** |
| **Dr Charmaine Cristiano Grech**<br>**Chairperson** | **Agnes Agius**<br>**Membru** | **David Magro**<br>**Membru** |

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**